**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018**

**Talba Numru: 73/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 23**

**Realhouse Management Limited (C37013)**

**The Administration Office, Level -1,**

**Tigne' Point, Sliema, TP 001**

**Vs**

**Jean Pierre Thullier**

**T7P13, Pjazza Apartments,**

**Tigne Point, TP01**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Frar, 2018 li permezz taghha talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u erbghin ewro u sebghin centezmu (€3,040.70c) rapprezentant numru ta' kontribuzzjonijiet ta' manutenzjoni

rigward appartament T7PO8 li jinsab fil-condominium bl-isem 'Pjazza Apartments' Tigne Point Sliema, dovuta lis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta,huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-Avukat Dr Malcolm Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u erbghin ewro u sebghin centezmu (€3,040.70c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**